31 ta' Mejju, 1952.

Imħallef:

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

Il-Pulizija *versus* Gużeppi Grech

**Impjegat — Haddiem — Apprendista — Art. 3 u 5 tal-Kap. 149.**

*Id-dispożizzjoni tal-liġi li tipprojbixxi li jiġu impjegati persuni taħt is-16-il sena għal perijodu ta' aktar minn tmien sigħat għal kull ġurnata waħda, u b'kollox għal iżjed minn 48 siegħa f'kull ġimgħa, mhix applikabili għall-apprendisti, imma biss għal dawk li huma impjegati.*

*Id-dispożizzjoni l-oħra tal-liġi li tirrigwarda l-adulti, fis-sens li dawn ma jistgħux jinżammu fuq ix-xogħol għal żmien aktar minn 9 sigħat f'kull ġurnata ta' xogħol, jew għal iżjed minn 54 siegħa f'ġimgħa, minbarra l-perijodi mħollija għall-mistrieħ u għall-ikel, għandha tiġi nterpretata mhux fis-sens li l-impjegat ma jistax jinżamm għal aktar minn disa' sigħat f'ġurnata waħda, imma fis-sens illi min iħaddem jista' jżomm lill-impjegat fuq ix-xogħol għal iżjed minn disa' sigħat f'xi ġurnata jew ġranet tal-ġimgħa, b'dan illi jpattikomlu fi ġranet oħra meta jħaddmu għal anqas minn disa' sigħat; b'mod u bil-patt li f'ġimgħa, b'kollox, ma jżommux għal aktar minn 54 siegħa.*

Il-Qorti — Fuq l-akkuża kontra l-imputat (1) talli fil-Hamrun, bħala sid tal-ħanut ta' mastrudaxxa f'numru 23, Cannon Street, fit-28 ta' Awissu 1951 u qabel dik id-data, ħaddem lil Lino Chetcuti u lil Ġorġ Farrugia, li kienu taħt is-sittax-il sena, għal perijodu ta' aktar minn tmien sigħat għal kull ġurnata waħda, u b'kollox għal iżjed minn 48 siegħa f'ġimgħa, (2) talli żamm lill-impjegati tiegħu kollha għal iżjed minn disa' sigħat f'ġurnata ta' xogħol, (3) ħaddem "apprentices" mingħajr ma qabel kiseb il-permess mingħand id-Direttur tax-Xogħol, (4) naqas li jżomm reġistru tal-ħaddiema kollha mpjegati miegħu, u (5) barra minn dan, naqas li jwaħħal fejn tidher kopja dwar il-Factories (Health Safety and General Welfare) Regulations, 1945, il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta, b'sentenza tat-23 ta' Ottubru 1951, sabet lill-imputat ħati talli ħaddem "apprentice" mingħajr il-kunsens preventiv tad-Direttur tax-Xogħol u talli ommetta li jżomm imwaħħla kopja tar-Regolamenti ta' l-1945 dwar il-Fattoriji (Saħħa, Skansar u Ħsieb Ġenerali għall-Ġid), u mhux ħati ta' l-imputazzjonijiet l-oħra; u wara li rat ir-Regolamenti 6(1) ta' l-Order VII ta' l-1939 u 15 tal-Government Notice 458 ta' l-1945, u l-art. 3 u 5(2) tal-Kap. 149, u 3 u 6(2) tal-Kap. 169, ikkundannatu għall-multa ta' £2 u 10s. rispettivament għaż-żewġ reati li tagħhom ġie misjub ħati, u lliberatu mill-akkużi l-oħra;

L-Attorney General appella mis-sentenza fuq imsemmija relativament għall-ewwel żewġ akkużi;

Fuq l-ewwel akkuża l-Qorti tirrileva li dina tikkontempla l-każ ta' tnejn min-nies, Lino Chetcuti u Ġorġ Farrugia. Fil-każ ta Ġorġ Farrugia, l-Ewwel Qorti lliberat lill-imputat fuq semplici konstatazzjoni tal-fatt li Ġorġ Farrugia kellu iżjed minn 16 il-sena, u għalhekk ma kienx jaqa' taħt id-dispożizzjoni tar-Regolamenti li taħtha saret l-akkuża, u li tikkontempla l-każ ta' ħaddiema ta' anqas minn 16 il-sena ta' età. F'dana ma saret ebda enunċjazzjoni żbaljata ta' l-ipotesi tal-liġi; u fil-fatti, mid-dokument fil-fol. 5 tal-proċess jirriżulta li Ġorġ Farrugia, fl-epoka msemmija fit-taħrika, kellu sittax il-sena magħluqa. Għaldaqstant l-appell rigward il-każ ta' Ġorġ Farrugia ma jistax jiġi milqugħ;

Kwantu għall-każ ta' Lino Chetcuti, irriżulta li dan kellu 15 il-sena biss; iżda l-Ewwel Qorti lliberat lill-imputat għax dak il-ġuvni kien jaħdem miegħu mhux bħala impjegat, iżda bħala apprendista. Fil-fatti rriżulta li dak il-ġuvnott kien apprendista, għax kien imur jaħdem biex jitgħallem is-sengħa, kellu paga anqas mill-oħrajn, u ma kienx jaħdem regolari (fol. 4);

L-Ordni VII ta' l-1939 jikkontempla espressament l-apprendisti u jagħti definizzjoni tagħhom, kif jagħti wkoll id-definizzjoni ta' impjegat (Reg. 2). U ladarba l-liġi tagħmel distinzjoni bejn l-apprendista u l-impjegat, u fl-istess kontest ta' l-Ordni fuq imsemmi f'uħud mir-Regolamenti jissemmew l-apprendisti biss, u f'oħrajn jissemmew l-impjegati mingħajr ma jissemmew l-apprendisti, huwa loġiku li wieħed jifhem li fejn ir-Regolamenti jsemmu l-impjegati biss, l-apprendisti mhumiex inklużi magħhom u ma jaqgħux taħt l-istess Regolament; għax xort'oħra ma kienx ikun hemm lok ta' nomenklatura differenti;

Ir-regolament nru. 3 jsemmi biss l-impjegat, anki fil-każ ta' nies ta' anqas minn 16 il-sena, u ma jsemmix l-apprendista; u, kif ingħad, skond id-definizzjoni li tagħti l-istess liġi, l-apprendista mhuwiex l-impjegat għall-finijiet u fis-sens ta' dak l-Ordni; u ladarba hemm id-definizzjoni, ir-regolamenti għandhom jifthemu restrittivament fis-sens tad-definizzjoni, speċjalment għall-finijiet ta' sanzjonijiet penali, li ma jammettux interpretazzjoni estensiva. Li kieku l-leġislatur ried jinkludi fir-regolament nru. 3 lill-apprendisti wkoll, ma kienx

juża t-terminu speċifiku u definit ta' "impjegat", iżda kien juża l-kelma "ħadd", jew kelma oħra ekwivalenti, bħalma għamel fir-regolamenti 8(2) u 11, fejn uża l-kelma ġenerika "nies". L-argument miġbud mir-regolament 6(1) mill-appellant mhuwiex korrett, għax altru bniedem impjegat bħala apprendista, u għalhekk fis-sens li l-liġi tagħti lill-kelma "apprendista", u altru hu mpjegat fis-sens li l-liġi tagħti bid-definizzoni tal-kelma "impjegat"; u d-differenza bejn it-tnejn tirriżulta riżaltata bl-akkoppjament tal-kliem "impjegat bħala apprendista";

L-argumenti l-oħrajn miġjubin mill-appellant rigwardanti l-inkonvenjenti ta' l-interpretazzjoni restrittiva, ma jwasslux għal ebda konklużjoni oħra ħlief dik li r-regolamenti fihom lakuna li għaliha, f'materja penali, ma tistax tissupplixxi l-Qorti;

Għaldaqstant l-Ewwel Qorti ma nterpretatx ħażin il-liġi, u l-appell ta' l-Attorney General fuq dal-kap ma jistax jiġi milqugħ;

Fuq it-tieni akkuża, il-Qorti tirrileva li fuq il-fatti ma hemmx kontestazzjoni. Iżda l-appellant jippretendi li l-Ewwel Qorti nterpretat ħażin il-liġi, meta qalet li fil-każ ta' adulti l-liġi tipprojbixxi lil min iħaddem li jżomm lill-impjegat jaħdem kontra r-rieda tiegħu għal iżjed minn disa' sigħat f'ġurnata, u mhux lill-impjegat li jkun irid bil-kuntentizza tiegħu jaħdem iżjed;

Ir-regolament 3(1) igħid :— "Ebda mpjegat ma jista' jinżamm fuq ix-xogħol, f'xi jew għal xi post li għalih igħodd dan l-Ordni, għal iżjed minn disa' sigħat f'ġurnata jew għal iżjed minn 54 siegħa f'ġimgħa, minbarra l-perijodi mħollijin għall-mistrieħ u l-ikel". It-test ingliż ta' dan ir-regolament jgħid :— "No employee shall be kept at work in or about a place to which this Order applies, for a period longer than nine hours in any one day or for more than fiftyfour hours in any one week, excluding periods set apart for meals and rest";

Fil-fehma tal-Qorti, f'dak ir-regolament il-kelma "jew" — "or" — għandha sinifikat ta' alternativa, u ġġib għall-interpretazzjoni li jkun soddisfatt il-vot tal-liġi, u għalhekk ma tkunx miksura l-liġi, meta min iħaddem f'xi ġurnata jew granet tal-ġimgħa jżomm lill-impjegat fuq ix-xogħol għal iżjed

minn disa' sigħat biex ipattiħomlu fi granet oħra meta jħaddmu għal anqas sigħat, b'mod u bil-patt li f'ġimgħa b'kollox ma jkunx żammu jaħdem għal aktar minn erba' u ħamsin siegħa. U dan jidher ċar, għax xort'oħra ma kienx ikun hemm għalfejn ikun hemm stabbilit espressament massimu ta' 54 siegħa xogħol f'ġimgħa. U tabilħaqq, ladarba bħala regola l-impjegat għandu jkollu ġurnata fil-ġimgħa franka, disa' sigħat kuljum għal sitt ijiem iġibu 54 siegħa; u fid-dispożizzjonijiet tal-liġi mhux suppost li jkun hemm tawtoloġiji;

Barra minn dan, il-konfront ta' dik id-dispożizzjoni ma' l-oħra ta' warajha (no. 2) jirrileva differenza ta' espressjonijiet, użati mil-leġislatur f'żewġ dispożizzjonijiet differenti ta' l-istess Ordni. U tabilħaqq, fl-ewwel waħda (3 (1)) ir-regolament igħid:— "Ebda impjegat ma jista' jinżamm fuq ix-xogħol........" — "No employee shall be kept at work......"; fil-waqt li fit-tieni waħda (3(2)) igħid:— "Ebda impjegat li ma jkunx laħaq l-età ta' sittax-il sena ma jista' jkun impjegat għal iżjed..........." — "No employee who has not attained the age of sixteen years shall be employed for a longer period.............." Il-kliem użati fl-ewwel dispożizzjoni għandhom sens ta' koerċizzjoni, sens li jista' jġagħalhom u jżommhom kontra r-rieda tagħhom fuq ix-xogħol; iżda b'daqshekk ma tiġix il-konsegwenza li ma jistax iħalliħom jaħdmu iżjed, kemm-il darba huma stess ikunu jridu liberament. Filkaż tat-tieni dispożizzjoni. il-kliem "no employee........ may be employed........" għandhom sinjifikat aktar estiż, u jġibu għall-konsegwenza li anki jekk ikunu jridu, jew jitolbu huma stess, ma jistgħux jiġu impjegati u mħaddmin għal iżjed sigħat. Ladarba fl-istess kontest ta' l-Ordni fid-diversi regolamenti l-leġislatur uża kliem differenti, bilfors li differenza talkliem għandha timplika differenza ta' sens; għax xort'oħra l-leġislatur kien juża l-istess kliem fid-diversi regolamenti. Il-kliem differenti użati fiż-żewġ dispożizzjonijiet rispettivament iuru trattament divers li l-leġislatur ried jagħmel għaż-żewġ kategoriji differenti ta' impjegati minnu kontemplati, bi protezzjoni speċjali u preferenzjali għaż-żgħażagħ;

U tabilħaqq, fil-każ tal-kbar il-leġislatur wera li ried jipproteġihom mill-isfruttament inuman ta' xogħolhom da parti ta' min iħaddimhom, mingħajr ma jxekkilhom bla bżonn kon-

tra r-rieda u l-interess individwali. Fil-każ taż-żgħażagħ evidentement il-leġislatur ried iħarishom mill-isfruttament da parti ta' min iħaddimhom u ta' min għandu l-potestà fuqhom, speċjalment in vista ta' l-immaturità tagħhom infushom. U li l-kbar ikollhom ċerta libertà lanqas ma hi ħaġa assurda; għax anki taħt liġijiet bil-bosta liberali ta' pajjiżi progrediti u demokratiċi, insibu ċerta libertà. U tabilħaqq, kif josserva Samuels fuq "The Factories Act 1937", ta' l-Ingilterra, "the Act does not concern itself with the working hours of men-workers; this is a matter to be determined entirely by agreement" (Factory Law, p. 139, 5th. edition 1951)-;

Fil-fatt irriżulta li l-impjegati ta' l-imputat ħadmu anqas minn 54 siegħa fil-ġimgħa, u ħadmu kwarta kuljum aktar biex ikunu jistgħu jieħdu s-Sibt frank; u dana fuq talba tagħhom stess. Għaldaqstant l-imputazzjoni ta' ħtija ta' l-akkużat fuq il-kapi appellati ma tirriżultax;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiċħad l-appell ta' l-Attorney General u tikkonferma s-sentenza appellata fil-kapi devoluti lilha.